MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2003

Rikors Numru. 68/2002/1

**Rikors Nru: 68/02**

***Joseph Debono***

***versus***

***Doris Grech***

Il-Bord,

Ra <u>r-rikors</u>

Illi hu jikri l-fond bl-isem Joe’s Holiday Services, Rock Cod Street, Qawra Coast Road, Qawra verso kera ta’ erba’ mija u hamsin lira fis-sena (Lm450) liema kera tithallas kull tlett xhur bil-quddiem l-ewwel skadenza li jmiss fl-1 ta’ Lulju, 2002.

Illi hu rceva ittra ufficjali fejn l-intimata qed titlob zieda fil-kera ghal Lm900 fis-sena.

Illi l-kera li qed tithallas issa hi aktar milli gusta fic-cirkostanzi, lok u uzu li qed isir mill-imsemmi fond u ghalhekk jitlob lil dan il-Bord sabiex jistabilixxi l-kera gusta tal-fond liema kera ma ghandhiex teccedi dik imhallsa presentement.

Ra r-risposta

Illi l-kontenut tal-ittra datata 19 ta' April 2002 ghandu jigi akkordat fis-sens illi dan l-Onorabbli Bord jiddikjara illi l-awment fil-kera mitlub huwa gustifikat, u ghalhekk ir-rikorrenti jigi ordnat ihallas lill-intimata l-kera mitluba fl-istess ittra ufficjali.

Ra d-digriet tieghu tat-2 ta' Ottubru, 2002 li bih gew nominati periti teknici l-AIC Frederick Valentino u l-AIC John Sciberras.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti.

Billi mir-relazzjoni tal-periti jirrizulta li l-kera attwali ta' erba' mija u hamsin lira Maltija (Lm450) fis-sena li jithallsu kull tlett xhur bil-quddiem diga' taqbez il-kera xieraq li bih l-istess fond kien mikri, jew li seta' jinkera qabel l-4 ta' Awissu, 1914 a tenur ta' l-art 4 (b) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta, jilqa' t-talba tar-rikorrent bl-ispejjez kontra l-intimata.

Dep/Reg
Magistrat

---------------------------------TMIEM---------------------------------